# Tagħrifa żgħira

Fi *Il-Malti* ta' Settembru 1938, faċċ. 67, Dun Karm wissa l-kittieba biex jimxu fi triq waħda fil-kitba ta' verbi bħal *ġemo'*, *sema'* li xi wħud jiktbuhom bil-vokali *e* u oħrajn bil-vokali *a*. U ta wkoll xi reguli meta għandna niktbu *e*, u meta għandna niktbu *a*. Billi jidhirli li dawk ir-reguli mhumiex mibnijin fis-sħiħ biżżejjed, irrid inżid hawn tagħrifa żgħira.

L-ewwel nett fuq il-vokali tal-verb jien ktibt xi ħaġa f'dan il-qari għaxar snin ilu (Ġunju 1928, faċċ. 36-39), u bi ħsiebni nikteb aktar fit-tul band'oħra. Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li meta l-aħħar konsonanti hi *għ* il-vokali tal-verb huma *e-a*, hekk: *bela'*, *beża'*, *ġema'*, *neża'*, *żera'*, *sema'*, *tefa'*. L-ewwel vokali hi *a* meta l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, hekk : *qata'*, *qala'*, *waqa'*, *laqa'*, *faqa'*. Jekk l-aħħar konsonanti hija waħda mid-dgħajfin *j* jew *w*, il-vokali huma wkoll *e-a*, hekk *bena*, *beka*, *beda*, *ġera*, *mexa*, *kera*, *lewa*, *fela*, *feda*, *nesa*. Jekk l-ewwel jew it-tieni konsonanti huma minn dawk li jridu l-vokali *a*, il-vokali huma *a-a*, hekk : *qara*, *ragħa*, *dagħa*, *ħata*.

Iżda hemm qatgħa verbi li għandhom il-vokali *e-a*, għalkemm imisshom jitħarrku *a-a*, hekk : *ħeba*, *ħema*, *ħela*, *ħefa*, *qela*, *qeda*, *reħa*, *għewa*. Dawn il-verbi huma mdakkrin mill-verbi bħal *gera*, li huma aktar fil-għadd, u saru bħalhom. Imma l-vokali *a* baqgħet sħiħa fl-infinit, hekk: *ħami*, *qali*, *ħabi*.

Dawn ir-reguli huma mibnijin fuq il-fonetka tal-Malti mqabbla mal-fonetka tal-ilsna semin. Iżda nistqarru li aħna u nitħaddtu l-vokali *e* u *a* f'ħafna verbi jinbidlu, u għalhekk min igħid *sema'* u min igħid *sama'*.

P. P. SAYDON

# Liż-Żagħżugħ Poeta

*(bl twissija ta' mħabba)*

Tikteb bil-ħaqq wis-sewwa. Jiena bħalek
għadni ma rajtx ! U xjieħt, mgħobbi bis-snin !
Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art ! U lilek
ma tista' tifhem qatt, kollha l-bnedmin !

*Dak*, l'inti tistqarr dinu, għallem dejjem:–
*Sabar* !. . . kulħadd, kuljum u kullimkien !
Int tgħid;—li tħoss u tifhem, li bis-sabar
tasal ma stajtx ! U qatt ma wsalt imkien !

"Fost il-bnedmin, lil ħadd m'għandek ħabibek!"
Stqarrejtu int ! U tkisser fl-istess ħin:—
"Ħabibek kollox !" Tbarri biss lill-bniedem
U dinek jgħid: – *L-Aħwa Nħobbu 'l Xulxin !*

Jew inti turi ħaġa b'oħra, nkella
li tikteb, ma jaqbilx sewwa mal-ħsieb.
Jien rajtek fuq l-imwejjed, bħall-ħaddara,
*Tixxiegħel! Tiekol u Tixrob mal-Ħbieb !*

Ma nista' nifhmek b'xejn ! U jiena bħalek
għadni ma rajt imkien, u xjieħt bis-snin !
Int tgħid li bħalek m'hemmx fuq l-art. . . u lilek
ma tixbah xejn il-bqija tal-bnedmin !

R. M. B.

4-10-1938.

N.B. Fl-aħħar ħarġa tal-Malti fil-Poeżija *Il-Ħakem Baldassar* ta' R.M B. id-disa' vers mill-aħħar irid jinqara hekk:
"magħdub jidrishom minnu fost il-ħajjin !"